**RULING MOGĦTI F'SEDUTA NRU 335 TA' L-ERBGĦA, 7 TA' DIĊEMBRU 2005**

Nirreferi għall-każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor Noel Farrugia fis-seduta numru 333 tal-5 ta' Diċembru 2005 kontra s-Sur Ray Bezzina, Communications Coordinator tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

Is-Sedja eżaminat il-każ imqajjem mill-Onor Farrugia, flimkien mat-transcript tad-diskors tiegħu f'seduta numru 324 tas-16 ta' Novembru, l-artiklu li deher fil-ħarġa ta' "The Malta Today" tal-Ħadd, 4 ta' Diċembru u l-mistoqsija parlamentari sottomessa mill-Onor Noel Farrugia fit-18 ta' Novembru.

Minn dan l-eżami s-Sedja tikkonkludi li l-mistoqsija parlamentari li skond ir-regolamenti tal-Kamra għadha ma ġietx imwieġba, hija xiehda biżżejjed li l-Onor Membru baqa' jsegwi l-każ imsemmi minnu u għaldaqstant l-awtur ta' l-artiklu msemmi naqas milli jagħti stampa ċara ta' l-azzjoni meħuda mill-Onor Farrugia meta ma semmiex dan il-fatt.

Is-Sedja eżaminat ukoll l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u ma jirriżultalhiex li f'dan il-każ hemm prima facie ksur ta' privileġġ anke għaliex, kif intqal f'rulings preċedenti, m'huwiex faċli li wieħed jasal għal konklużjoni dwar l-intenzjoni ta' l-awtur tar-rapport li deher fil-gazzetta. Barra minn hekk, l-Onor Membru nnifsu ma ta jew ma ressaq l-ebda prova li "s-Sur Bezzina intenzjonalment għamel dikjarazzjoni skorretta". Madankollu s-Sedja tappella biex qabel ma jinkitbu affarijiet fil-media li jirrigwardaw il-ħidma tal-Membri Parlamentari, jiġu verifikati l-fatti kollha.

Fil-punt imqajjem minnu l-Onor Noel Farrugia talab ukoll lis-Sedja "sabiex tinvestiga l-każ kollu b'mod ġenerali". Is-Sedja tirrileva li m'hijiex kompetenza tagħha li tagħmel tali investigazzjonijiet.